MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 968/2005

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Michael u Carmen mizzewgin Spiteri**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici fejn gie premess:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 30 t'Ottubru 2000 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Mario Rosario Bonello, is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil konvenuti Michael u Carmen mizzewgin Spiteri;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Michael u Carmen mizzewgin Spiteri fis-somma ta' sebat elef, seba'

mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm7.751.17) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Michael u Carmen mizzewgin Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1", "132", "B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 t'Awissu 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 30 t'Ottubru 2000 fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Michael u Carmen mizzewgin Spiteri (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat tal-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Michael u Carmen mizzewgin Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju, 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti,

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici tablet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael u Carmen mizzewgin Spiteri (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Michael u Carmen mizzewgin Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil Michael u Carmen mizzewgin Spiteri ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, seba' mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm7,751.17) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Michael u Carmen mizzewgin Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 t'Awissu 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju 2004 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tat-18 ta’ Jannar 2006 fejn cediet is-sorte *stante* hlas fil-mori tal-kawza u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Joseph Borg Cardona rapprezentant tas-socjeta` attrici fejn ikkonferma li l-ispejjez ghadhom ma thallsux.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara l-mertu ezawrit *stante* hlas tas-sorte u cessjoni tieghu. Tikkundanna fl-istess waqt lill-konvenuti li jhallsu l-kap ta’ l-ispejjez interament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------